MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 974/2009

**Emanuel Vella u Gilbert Zammit**

**-vs-**

**Ramona Alouzi u Ahmed Mohamed Alouzi**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-12 ta' Ottubru, 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi permezz ta' skrittura privata datata l-1 ta' Settembru, 2007, l-intimati krew l-fond Qawra Towers, Flat 21, Qawra Road, Qawra mingħand Gilbert Zammit (ID 392781M) hekk kif debitamnet awtorizzat mis-sid Emanuel Vella u dana għal perjodu bejn l-1 ta' Settembru, 2007 u l-1 ta' Frar, 2009 versu l-kera ta' tlett mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€325) fix-xahar (skrittura hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'C');

2. Illi għalhekk il-perjodu ta' lokazzjoni skada fl-1 ta' Frar 2009;

3. Illi *inoltre* l-intimati huma morużi fil-ħlas tal-kera pattwita għal diversi xhur u kif ukoll huwa moruż fil-ħlas tal-kontribuzzjoni għas-servizzi tad-dawl u l-ilma fl-imsemmi fond;

4. Illi l-intimati sseparaw *de facto* u mhux magħruf jekk l-intimat Ahmed Mohamed Alouzi għadux jgħix fil-fond surreferit;

5. Illi permezz ta' skrittura privata datata l-11 ta' Marzu, 2009, l-intimata Ramona Alouzi ddikjarat li għandha tagħti ammont ta' kera b'lura u kif ukoll obbligat ruħha li se tiżgombra mill-fond surreferit sat-23 ta' Marzu, (skrittura hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'E');

6. Illi fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati ma għandhom l-ebda eċċezzjoni x'jissollevaw kontra t-talbiet ta1-istess esponenti;

7. Illi 1-intimati għalkemm interpellati sabiex jiżgombraw mill-imsemmi fond baqgħu inadempjenti u effettivament għadu qed jokkupaw l-fond Qawra Towers, Flat 21, Qawra Road, Qawra u dana mmgħajr titolu validu fil-liġi;

8. Illi r-rikorrenti jafu personalment b'dawn il-fatti kollha.

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandiex tiddeċiedi billi:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża *ai termini* tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuti intimati qed jokkupaw u jżommu 1-fond Qawra Towers, Flat 21, Qawra Road, Qawra, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

3. Konsegwentament tordna lil konvenuti intimati biex fi żmien qasir u perentorju jiżgombraw mill-imsemmi fond u jirritornawh lill-atturi billi jikkonsenjawlhom iċ-ċwievet tiegħu;

B'riserva u mingħajr preġudizzju għal kull dritt u / jew azzjoni spettanti lir-rikorrenti għall-ħlas ta' kera u / jew danni konsegwenzjali u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata s-26 ta' Awissu, 2009 kontra 1-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati naqsu li jkunu preżenti għas-seduta tal-lum.

Semgħet lill-attur Emanuel Vella.

**Għaldaqstant billi t-talba attriċi tirriżulta, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, u għall-fini tat-tielet talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**L-ispejjeż ikunu a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------